

It-Tlieta 8 ta' Marzu 2011

It-treġġigħ lura tar-reċiproċità fis-sistema tal-viżi – solidarjetà mal-istatus inugwali taċ-ċittadini Ċeki wara l-introduzzjoni unilaterali ta' viżi mill-Kanada

P7_TA(2011)0087

Dikjarazzjoni tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Marzu 2011 dwar it-treġġigħ lura tar-reċiproċità fis-sistema tal-viżi – solidarjetà mal-istatus inugwali taċ-ċittadini Ċeki wara l-introduzzjoni unilaterali ta' viżi mill-Kanada

(2012/C 199 E/10)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 123 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

- A. billi, f'Ġunju 2009, il-Kanada, b'mod unilaterali, imponiet rekwiżit għal viża għaċ-ċittadini tar-Repubblika Ċeka, li għaldaqstant l-istatus tagħhom issa hu inugwali għal dak taċ-ċittadini oħra fl-UE u billi l-Kanada, minkejja talbiet ripetuti biex tagħmel dan, għadha ma tatx data meta se tħassar dan ir-rekwiżit għal viża,
- B. billi dewmien ulterjuri fit-terminazzjoni tal-istatus inugwali taċ-ċittadini Ċeki jista' jhedded ir-ratifikkazzjoni fil-ġejjin tal-Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv bejn l-UE u l-Kanada,
- C. billi r-Repubblika Ċeka ma tistax tintroduċi b'mod awtonomu rekwiżit għal viża għaċ-ċittadini Kanadiżi,
- D. billi l-Kummissjoni u l-Kunsill mhumiex qed jaġixxi b'biżżejjed saħħa f'din il-kwestjoni,
 1. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill iżidu l-persjoni politika fuq il-Kanada sabiex tistabbilixxi l-aktar data kmieni possibbli għat-tħassir tas-sistema tal-viżi għaċ-ċittadini Ċeki, kif ukoll għat-tmiem ta' ksur ieħor ta' reċiproċità tal-viżi fir-rigward taċ-ċittadini tal-Bulgarija u r-Rumanija;
 2. Jenfasizza li, sakemm ma jissolvix dalwaqt dan il-ksur ta' reċiproċità, hu probabbli li jsegwu miżuri ritaljatorji ekwivalenti mill-UE;
 3. Jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi, minflok arranġament bilaterali, mekkaniżmu ġdid li jggarantixxi reċiproċità sħiħa tal-viżi għall-Istati Membri kollha, waqt li tiżgura li jekk pajjiż mhux tal-UE jikser dik ir-reċiproċità tal-viżi, l-Istati Membri kollha jreġġgħu lura minnufih ir-rekwiżit għal viża għaċ-ċittadini ta' dak il-pajjiż;
 4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji ⁽¹⁾, lill-Kummissjoni, lill-Kunsill u lill-parlamenti tal-Istati Membri.

⁽¹⁾ Il-lista tal-firmatarji hija ppublikata fl-Anness 2 tal-Minuti tat-8 ta' Marzu 2011 (P7_PV(2011)03-08(ANN2)).